**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kump 817 /2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Josef Xerri**

Illum it-3 ta' Novembru 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputat Josef Xerri iben missier mhux maghruf u Ermelina nee' Xerri mwieled l-Belt Valletta, nhar is-17 ta' Ottubru 1994 u resident gewwa Mon Re Pose, Flat 1, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 460594M

U nakkuzah talli nhar is-06 ta' Ottubru 2015 gewwa l-Bini tal-Qrati ta' Malta, Triq ir-Repubblika, Valletta u f'dawn il-Gzejjer; akkuzat talli:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahghom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nnkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu jew diga' kienu agixxew għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nakkuzah aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 700 Conrad Busuttil u PC 269 Gaetano Mifsud sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-artiklu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, mingħajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 269 Gaetano Mifsud f'periklu car, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 269 Gaetano Mifsud, hekk kif iccertifikat Dr. Connie Cassar M.D. u dan bi ksur tal-artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U kif ukoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija lilu mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar id-09 ta' Frar 2012, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali waqt il-prezentata ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2015, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

[1] Folio 18 ta' l-atti processwali

Rat li in segwitu ghar-rinviju ta' l-Avukat Generali datat nhar it-18 ta' Awissu 2016 li sar in vista li ma gewx osservati d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 401(3) u (3A) tal-Kodici Kriminali u per konsegwenza l-atti tal-kumpilazzjoni kienu difettuzi ghat-tenur tal-artikolu 432(2) tal-istess Kodici Kriminali l-imputat rega' tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Awissu 2016 l-imputat ezenta l-prosekuzzjoni milli terga' tressaq id-dokumenti u x-xhieda sabiex jergghu jixhdu f'dawn il-proceduri u ddikjarat li qieghda tistrieh fuq il-provi diga' kompilati.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat li fl-udjenza tas-7 t'Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[5]

---

[2] Folio 151 ta' l-atti processwali
[3] Folio 150 ta' l-atti processwali
[4] Folio 190-192 ta' l-atti processwali
[5] Folio 196 ta' l-atti processwali

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-15 ta' Marzu 2017 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jinstab hati u cioe[6]:

a. Fl-artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-artikoli 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata d-29 ta' Marzu 2017, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat separatament jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet

[6] Folio 167 ta' l-atti processwali

ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[7]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Marzu 2017;

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-7 ta' Ottubru 2019;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal incident li sehh fis-6 ta' Ottubru 2015 meta l-pulizija gew infurmati li kien hemm bzonn l-assistenza peress li kien hemm kommossjoni gewwa awla numru 7 fil-bini tal-Qorti. L-imputat Xerri fil-hin ta' l-incident kien gewwa l-awla waqt li l-eks-siehba tieghu kienet qeghda tixhed f'kawza kontrieh. L-imputat qala kommossjoni tant

[7] Folio 168 ta' l-atti processwali

li kellu jigi mwaqqaf mill-pulizija u gie mahrug minn gewwa l-awla sabiex is-smiegh tal-kawza jitkompla.

Waqt li l-imputat kien barra l-awla qal diskors bl-intendiment li jahraq il-bini tal-Qorti u beda jitkellem hazin, jidghi u jiddisturba l-istess seduta kif ukoll li kkaguna griehi hfief lil membru tal-pulizija.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**PC 269 Gaetano Mifsud**[8], stazzjonat *MT Garage* xehed waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru 2015. Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla. Kompla jispjega li fis-6 t'Ottubru 2015 kienet qed tixhed ċertu Yanica Cuschieri quddiem il-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit f'awla numru 7. Josef Xerri, li kien l-imputat f'dawk il-proċeduri, beda jinterrompi kemm lill-Maġistrat, lix-xhud u kif ukoll lill-Ispettur Bonello. F'daqqa waħda ħareġ mill-awla bir-rabja li kellu. Waqt dan il-mument ta' rabja, Xerri beda jgħajjar lill-Pulizija u jgħid li 'jrid jaħraq il-Qorti'. Kemm ix-xhud kif ukoll PS 700 ippruvaw jikkalmawh imma dan beda jirreżisti u jagħti bis-sieq fid-direzzjoni tal-Pulizija. Ix-xhud stqarr illi f'dan il-mument huwa safa milqut f'siequ l-leminija. Dan ġara fil-kuridur tal-Qorti, barra mill-awla. Wara dan, Xerri

[8] Folio 29-39 ta' l-atti processwali

ġie mmanettjat u ritornat fl-awla. Ix-xhud stqarr illi bħala riżultat ta' l-inċident huwa sofra daqqa fuq siequ l-leminija imma ma kienx mija fil-mija ċert id-daqqa min taħielu minħabba li kien hemm kommozzjoni.

**PS 700 Conrad Busuttil**[9], stazzjonat fis-Sezzjoni tat-Traffiku ukoll xehed waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru 2015. Ix-xhud għaraf lill-imputat Josef Xerri fl-awla. Kompla jispejega li fis-16 t'Ottubru 2015 huwa kien imħarrek sabiex jixhed. Waqt is-seduta kien hemm persuna li bdiet il-ħin kollu tinterrompi lill-peruna li kienet qed tixhed . F'ħin minnhom, dak il-persuna qal li ma jiflaħx jisma' iżjed gideb u kien ser imur għal persuna li kienet qed tixhed, li wara irriżulta li x-xhud kienet l-eks sieħba tal-persuna u li kienet tqila. Imbagħad dan il-persuna intilef – beda jgħajjat, jidgħi, isabbat u jinsolenta lil kulħadd u wara ftit telaq 'il barra mill-awla u sabbat il-bieb bis-saħħa. Il-Maġistrat tat ordni sabiex l-imputat jiġi arrestat. Barra l-awla kien hemm l-Ispettur Bonello qed jipprova jżomm lill-imputat li jeda jidgħi, jxejjer l-id li kienet libera u jfajjar bis-sieq. Eventwalment l-imputat ġie sottomess ankè bl-assistenza tal-Ispettur Josric Mifsud li kien preżenti ukoll fil-kuridur tal-Qorti. Hekk kif tniżżel mal-art fuq ġenbu, l-imputat beda jxejjer saqajh. Il-kuntistabbli l-ieħor qal lix-xhud li qed tuġgħu siequ u għolla l-qalziet u urieħ fejn. Eventwalment, l-imputat reġa' ġie meħud fl-awla fejn ingħatat is-sentenza li kienet tinkludi Ordni ta' Protezzjoni a favur l-eks sieħba tiegħu. Wara dan l-imputat reġa' beda jgħajjar u jhedded li "jaħraq il-Qorti". Waqt il-kontro-

[9] Folio 40-58 ta' l-atti processwali

eżami, ix-xhud spjega li għalkemm l-imputat beda jxejjer saqajh bl-addoċċ, bħala fatt kien hemm tliet min-nies imdawra miegħu.

**Doris Serpina**[10], Deputat Reġistratur tal-Qorti, xehdet waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015. Hija stqarret illi waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru 2015 kien hemm talba sabiex jiġi eżebit il-filmat tas-CCTV tal-Qorti u wara li saru l-arranġamenti, dan is-CCTV ingħata lilha u saru ankè kopji mit-tekniku tal-Qorti. Dawn il-kopji ġew eżebiti mix-xhud.

L-**Ispettur Luke Bonello**[11], stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara ukoll xehed waqt is-seduta tal-4 ta' Settembru 2015. Wara li għaraf lill-imputat fl-awla, ix-xhud spjega li nhar is-6 t'Ottubru 2015 għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu kien hemm is-seduta tad-distrett ta' Birkirkara quddiem il-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit ġewwa l-awla numru 7. Kien hemm każ li kellha tixhed fuqu is-sieħba ta' Josef Xerri u waqt din ix-xhieda beda jaġita ruħu u eventwlament qabad u ħareġ mill-awla. Mistoqsi għalfejn Xerri kien aġitat, ix-xhud spjega li kien hemm proċeduri bejnu u s-sieħba tiegħu u apparentament kienu ftehmu li jwaqqfu kollox imma dak il-ħin qisu hija riedet tkompli bil-każ u kienet assistita minn Avukat. Eventwalment il-każ twaqqa' u b'hekk ma tkompliex. Il-Maġistrat ordnat lix-xhud sabiex sabiex jerġa' jdaħħal lill-imputat fl-awla. Meta ħareġ mill-awla, l-imputat beda jidgħi u jgħid xi kliem ħażin.  Ix-xhud kien assistit minn PC 269 u PS 700 u kkonferma li l-imputat kien f'dillirju u jaf li kien

---

[10] Folio 73-74 ta' l-atti processwali
[11] Folio 75-77 ta' l-atti processwali

imbotta xi Pulizija oħrajn. Wara din il-kommossjoni l-imputat ġie mniżżel fl-art u arrestat.

It-**Tabiba Dr Connie Cassar**[12] xehdet ukoll xehdet waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2015. Ġie referit lilha ċertifikat li jinsab u Fol. 16 tal-proċess fejn ix-xhud ikkonfermat illi dan iċ-ċertifikat ġie rilaxxjat minnha u spjegat li l-pazjent ippreżenta ruħu bi tbenġila fuq il-qasba ta' sieqa. Huwa kien qalilha li kien qala' daqqa. Il-ġerħa ġiet klassifikata bħala waħda ħafifa iżda x-xhud spjegat illi jista' tkun hemm xi komplikazzjonijiet bħal uġigħ kontinwat. Minn dakinhar li sar iċ-ċertifikat, ix-xhud ma reġgħatx rat il-pazjent.

L-**Ispettur Daryl Borg**[13], stazzjonat fl-Għassa tal-Belt Valletta, xehed waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2016. Nhar is-6 t'Ottubru 2015 huwa ġie nfurmat mis-Surġent 728 Brandon Borg li kien inqala' inċident ġewwa l-bini tal-Qorti fejn kienu involuti PS 700 Conrad Busuttil u PC 269 Gaetano Mifsud fejn dawn kienu involuti f'argument ma ċertu Josef Xerri li kellu kawża quddiem il-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit. Waqt dan l-inċident Xerri ma kkooperax mal-Pulizija u saħansitra allegatament weġġa' lil PC 269 Gaetano Mifsud u ġie ppreżentat ċertifikat mediku relattiv. Ix-xhud kien kellem lil Xerri u tah is-solita twissija li jikkonsulta ma' Avukat. Ix-xhud kompla jispjega li Xerri kien għamel u ffirma stqarrija li tinsab a Fol.14-15 tal-proċess u għaraf il-firma tiegħu fuqha.

**PS 1114 Marlon Hili**[14], stazzjonat fl-Għassa tal-Belt Valletta xehed waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2016. Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla. Huwa

[12] Folio 78-80 ta' l-atti processwali
[13] Folio 85-87 ta' l-atti processwali
[14] Folio 92-94 ta' l-atti processwali

spjega li fis-6 t'Ottubru 2015 kienet intalbet l-assistenza tal-Pulizija ġewwa l-bini tal-Qorti minħabba li nqalgħet kommozzjoni ħdejn l-awla numru 7. Skont ix-xhud, l-imputat kellu jiġi maħruġ mill-awla mill-Pulizija u beda jidgħi u jitkellem ħażin u ankè qal li jrid jaħraq il-bini tal-Qorti. Skont ix-xhud, jidhirlu li kien hemm xi Pulizija oħrajn mhux mill-Għassa tal-Belt Valletta li sofrew xi ġrieħi. Eventwalment, Josef Xerri ġie arrestat u meħud l-Għassa u wara ġewwa l-*lock up*.

**Kurt Mahoney**[15] xehed waqt is-seduta tas-6 t'April 2016 fejn huwa kkonferma li ġie maħtur mill-Qorti bħala espert tekniku sabiex jeżamina l-filmati tas-CCTV miġbuda mill-kamera li hemm barra l-awla numru 7. Ix-xhud ippreżenta r-rapport relattiv.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrijia[16] ta' l-imputat Josef Xerri ittiehdet nhar is-6 ta' Ottubru 2015 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Daryl Borg wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[17].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet dak in-nhar ta' l-incident u cioe' fis-6 ta' Ottubru 2015 fil-prezenza ta' l-Ispettur Daryl Borg u PC 183 Daniel

[15] Folio 99-100 ta' l-atti processwali
[16] Folio 14-15 ta' l-atti processwali
[17] Folio 13 ta' l-atti processwali

Garzia. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u l-imputat ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz u jidhol f'certu dettal dwar dak kollu li kien gara.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli u tistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġiet rilaxxata l-istqarrijia tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul 1-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrijia tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juzax fiz-zewg okkazzjonijiet[18]. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[19] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

[18] Folio 16 ta' l-atti processwali.
[19] Fit-28 ta' Novembru 2016

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[20] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut*

[20] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[21] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[22] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel

[21] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[22] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[23] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[24] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-*

[23] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[24] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[25]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[26]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[27] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

[25] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[26] Folio 14 tas-sentenza
[27] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentatata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[28]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[29]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[30] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat huwa ben konxju jekk mhux imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin,

---

[28] Folio 25 tas-sentenza
[29] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[30] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**L-elementi legali fl-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni**

Illi l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali jghid:

> *Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).*

Illi ghar-rigward dan ir-reat din il-Qorti trid tannalizza jekk sarx l-element materjali ta' dan ir-reat li ghandu jirrizulta li huwa ingurja, theddid jew offiza fil-konfront tal-ufficjal pubbliku.

Illi mill-interpretazzjoni ta' kazistika nostrana l-elementi mehtiega sabiex jissussti dan ir-reat huma:

1. Il-vittma trid ikun ufficjal pubbliku;
2. Trid issir theddida ingurja jew offiza fuq l-ufficjal pubbliku;
3. Illi r-reat irid issir waqt li ikun qed jaghmel servizz pubbliku;
4. Jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku;
5. Jew inkella r-reat sar bi hsieb biex tbezza' jew tinfluwixxi fuq l-ufficjal pubbliku kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi skond il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc. of office, provided that the offender was aware of his status as such person."*[31]

Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-awturi Taljani Maino u Carrara li jsostnu:

*"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."*

[31] Folio 47 Notes on Criminal Law; Professor Anthony J Mamo.

Illi dan huwa kkonfermat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg**[32] fejn jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Illi l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);*

[32] Criminal Appeal, 24 ta' Novembru 1917, Referenza mehuda minn Notes on Criminal Law, Professor Anthony J Mamo; Folio 48

*(b) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (5,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (15,000).*

Skond il-Professur Mamo:

> *"This crime in its simplest form consists in an attack or resistance by violence or active force (vie di fatto), not amounting to public violence, against a person lawfully charged with a public duty, while acting in execution of the law or of a lawful order of the competent authority."*[33]

Illi skond il-Professur Mamo dan ir-reat jikontempla tlett elementi essenzjali sabiex jissussisti:

1. Ir-reat irrid issir billi ikun hemm attack jew resistenza

Professur Mamo jikkjarifika li:

> *"Such attack or resistance must be made with violence or active force….In other words the law requires the use of private force, which is alone calculated to offer a serious obstacle to the action of the officers concerned with executing the law or the order thereunder and to impede such action.*
>
> *…………*
>
> *It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the*

[33] Notes on Criminal Law; Professur Anthony J Mamo, Folio 48

*execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith……… mere insults or threats without the acutal use of force would not be sufficient."*[34]

F'dawk l-istanzi meta din il-kwalifika ma tirrizultax jista' jirrizulta biss l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.

2. It-tieni element jirrikjedi li dan ir-reat sar fil-konfront ta' ufficjal pubbliku.

Skond Professur Mamo *"the condition or capacity of the person against whom the attack or resistance is directed. The law speaks of any person lawfully charged with a public duty."*[35]

Illi f'dan ir-rigward il-kwalifiki imsemmija hawn fuq li l-imputat irid necessarjament ikun jaf li tali persuna huwa ufficjal pubbliku jew identifika lilu nnifsu bhala ufficjal pubbliku huma necessarji sabiex tissussisti l-*mens rea*.

3. It-tielet element jitlob li dan il-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir waqt li huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti.

Skond il-Professur Mamo *"any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may on account of such execution, would not give rise to this crime….It is essential that the officer to whom*

[34] Notes on Criminal Law; Professur Anthony J Mamo, Folio 48 u 49
[35] Notes on Criminal Law; Professur Anthony J Mamo, Folio 50

*resistance is offered should be acting in the execution of the law or of a lawful order of the competent authority."*[36]

Illi dan il-hsieb huwa kkonfermat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra.**[37]

**Ikkunsidrat**

**Il-provi fl-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni**

Illi fix-xhieda ta' PC 269 Gaetano Mifsud irrizulta li:

*"L-Ispettur Bonello beda jikkalmah lil Josef Xerri, f'daqqa u l-hin hareg mill-awla bir-rabja li kellu, ippruvajna nikkalmawh jiena u PS700 u beda jirrezisti u jaghtini bis-sieq, laqatni go sieqi l-leminija u poggejnieh ma' l-art biex nimmanetjawh u dahhalnieh go l-awla.*[38]

Ikompli jghid li *lilna ukoll beda jghajjarna…… ghax nahraq il-Qorti, bdejna nikkalmawh u ma riedx jisma."*[39]

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Luke Bonello jirrizulta li meta gara dan l-incident, l-imputat kien f'sahna tal-mument kbira u minkejja li l-pulizija qalulu diversi drabi biex jikkalma ma ried jisma' minn hadd. F'mument minnhom l-imputat "*imbotta xi tnejn minnhom u eventwalment lil Pulizija li kien hemm mieghi kienu tefghuh ma' l-art u arrestawh."*[40]

Illi dan huwa kkonfermat minn ezami tas-CCTV *footage*.[41] Fil-konkluzjoni ta' l-istess rapport ta' l-espert li ezamina c-CCTV *footage* irrizulta li

[36] Notes on Criminal Law; Professur Anthony J Mamo, Folio 50
[37] Qorti ta' l-Appekk Kriminali; 9 ta' Settembru 2002
[38] Folio 31 ta' l-atti processwali
[39] Folio 32 ta' l-atti processwali
[40] Folio 76-77 ta' l-atti processwali
[41] Tabella 2.17, Folio 119 ta' l-atti processwali

*"persuna terga tohrog u tider tfajjar daqqa ta' ponn lejn xi haga jew xi hadd li ma tidhirx fil-vista tas-CCTV. Il-persuna timxi 'l hemm u fizzjali tal-Pulizija jmorru warajha sabiex jzommuha, u l-persuna tidher timbotta wiehed mill-fizzjali. Il-fizzjali tal-Pulizija jeskortaw il-persuna lura lejn Awla 7 fejn il-persuna dehret aggressiv lejn persuna ohra.*

Fix-xhieda ta' PS 700 Conrad Busuttil irrizulta li l-imputat waqt is-smiegh tal-kawza *"bdiet il-hin kollu tinterrompi…provokazzjoni, sahansitra kien hemm mument fejn kienet ser tmur ghal persuna li kienet qed tixhed waqt il-kawza…. ..beda jghajjat, jidghi, isabbat, jinsulenta lil kulhadd, intilef, qabad u telaq 'il barra, sabbat il-bieb b'sahhtu…*[42]

Ix-xhud ikompli jghid li l-imputat dak il-hin *kien mitluf minn sensieh… beda qisu irid ihebb ghal Ispettur"*[43] u jirrezisti l-arrest. Tant irrezista l-arrest li l-pulizija kellhom inizzluh ma' l-art biex jimmanetjawh.

Illi dan ukoll gie ikkorroborat mix-xhieda ta' PS1114 Marlon Hili.

Illi ghalhekk, din il-Qorti tqis li kemm fir-rigward tal-artikolu 95 izda wkoll fir-rigward tal-artikolu 96, l-elementi rikjesti mil-ligi kif imfissra fil-gurisprudenza taghna, gew soddisfacjentement ippruvati. M'hemmx dubju li l-imputat irrezista b'vjolenza, it-twettiq tal-obbligi legali tal-pulizija li kien hemm madwaru, u beda jinsolenta` u jhedded lil diversi.

Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti tqis li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u sejra

[42] Folio 42 ta' l-atti processwali
[43] Folio 43 ta' l-atti processwali

tghaddi sabiex issib lil imputat hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' imputazzjoni**

L-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku[44] rilaxxjat minn Dr. Connie Cassar flimkien ma *print out* bil-kulur minn wara u minn quddiem tal-griehi hfief sofferti mill-vittma.[45] Dan ic-certifikat gie ikkonfermat mit-tabib li kkonferma li l-vittma kellu *"tbengila fuq il-qasba ta' siequ u qalli li kienu tawh daqqa fuq il-qasba ta' siequ."*[46]

Ix-xhud PC 269 Gaetano Mifsud jispjega li l-imputat beda jaghti bis-sieq hekk kif hareg minn go l-awla u beda jaghti *"fid-direzzjoni taghna", jaghtini bis-sieq, laqatni go sieqi l-leminija* u cioe tieghu u ta' Surgent iehor. Ir-raguni ghalfejn beda jaghti bis-sieq kien *"biex jinheles minn taht idejna"* ghaliex dak il-hin il-pulzija ppruvat izzommu taht arrest u l-imputat beda jissara biex jinqala' minn taht idejhom.

[44] Dok DB6 Folio 16 ta' l-atti processwali
[45] Dok DB6 Folio 17 ta' l-atti processwali
[46] Folio 79 ta' l-atti processwali

L-istess imputat jispjega li hu qala daqqa fuq saqqajh izda sussegwentement jghid li *"Ma tistax tghid dak il-hin minn fejn giet."*[47] Meta kien mistoqsi min taghielu d-daqqa, ix-xhud jikarifika li *"ahna bdejna nippruvaw nikkalmawh u jiena rajtu minn naha tieghu"*.[48]

Meta rega' kien mistoqsi jekk rax lil-imputat jaghti bis-sieq jispjega li *"le ma rajtux jaghti bis-sieq jien. Bdejna nikkalmawh…… dak il-hin konna emozzjonati ma nistax nghid sewwa."*[49]

In kontro ezami x-xhud jikkonferma li *"jista jkun"*[50] li daqqa kienet ta' l-imputat imma ma jistax jghid b'certezza.

Fix-xhieda ta' PS700 Conrad Busuttil jispjega li l-imputat *"beda jaghti bis-sieq imma ovvjament beda jaghti bis-sieq biex ma jaqax nimmagina jiena ma nafx."*[51] Ikompli jispjega li ma jafx x'kienet l-intenzjoni ta' l-imputat meta beda jaghti bis-sieq.

Minn ezami tas-CCTV *footage* ma jirrizultax b'mod car li l-imputat ta daqqa ta' sieq lil PC269 Gaetano Mifsud.

Mil-provi prodotti ma jirrizultax b'mod car li r-raguni ghalfejn l-imputat beda jaghti b'saqajh kienx specifikament ghaliex ried jikkaguna griehi lil PC 269 Gaetano Mifsud. Di piu' hadd mix-xhieda okkulari prezenti dak il-hin ma setghu jikkonfermaw li kien l-imputat li ta daqqa ta' sieq lil PC 269 Gaetano Mifsud.

---

47 Folio 35 ta' l-atti processwali
48 Folio 35 ta' l-atti processwali
49 Folio 36 ta' l-atti proesswali
50 Folio 38 ta' l-atti processwali
51 Folio 44 ta' l-atti processwali

Għaldaqstant in vista tal-fatt li l-provi prodotti ma jlaħħqux il-grad rikjest mill-liġi tal-provi imressqa lil hin minn kull dubju dedatt mir-raġuni din il-Qorti m'għandix il-komfort li ssib ħtija li tista tikkunsidra bħala *safe and satisfactory*. In vista ta' dan din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilibera l-imputat minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Il-ħames imputazzjoni**

L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

*Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;*

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għax-xhieda msemmija hawn fuq u tagħmel referenza għax-xhieda ta' l-Ispettur Luke Bonello jirrizulta li l-imputat waqt dan il-inċident beda *"jidgħi u kien agitat ħafna"*.[52]

Għaldaqstant mill-assjem tal-provi mressqa, a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tara li din il-imputazzjoni ġiet ppruvata sal-grad rikjest mill-liġi u ser tgħaddi sabiex issib lil imputat ħati tagħha.

**Ikkunsidrat**

**Is-sitt imputazzjoni**

[52] Folio 76 ta' l-atti processwali

*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra.*

Illi fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**[53] il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l- ordni (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta tas-6 ta' Ottubru 1992, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Austin Grech). Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal- kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata. Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PC 604 ta lill- appellanti u ghalhekk, kienet x'kienet il-kariga taghha, hi kellha toqghod ghal dak l-ordni u mhux tisfida l-awtorita' pubblika".*

Ghaldaqstant mill-assjem tal-provi mressqa, a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tara li din il-imputazzjoni giet ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ser tghaddi sabiex issib lil imputat hati.

[53] Deciza fil- 25 ta' Gunju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali

**Ikkunsidrat**

**Is-seba' imputazzjoni**

Illi l-artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemmpiena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiemqorti kompetenti skont l-artikolu 28C li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenzatkun diġà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenzasospiża għandha tibda isseħħ.*

Il-prosekuzzjoni esebit sentenza[54] moghtija nhar id-9 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-imputat kien gie ikkundannat piena ta' habs ghall-zmien xahar sospizi ghal erba snin.

Illi filwaqt li ma jirrizultax mill-atti li kien hemm ezenzjoni mill-imputat sabiex l-ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza jikkonfermaha, il-Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghaldaqstant din il-Qorti fis-sentenza taghha sejra tghaddi sabiex titratta l-imputat dwar din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

---

[54] Folio 169-170 ta' l-atti processwali

L-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi a skans ta' ripetizzjoni wkoll din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza esebita ghal-finijiet ta' seba akkuza u dak kollu relatat maghha.

Mill-provi prodotti jirrizulta li ghadu m'ghaddiex it-terminu impost mil-ligi sabiex l-akkuza tar-recidiva ma tirrizultax, u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis li l-addebitu tar-recidiva giet ippruvata.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta dina l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dawn ir-reat graw fuq il-pulizija gewwa l-bini tal-Qorti.

Illi ma jistax jigi skuzat dan l-agir fuq il-pulizija li qeghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom u li rridu jiffaccjaw dan l-agir, iktar u iktar meta sar gewwa u barra Awla tal-Qorti fejn ghanda tirrenja s-saltna tad-dritt u mhux il-ligi tal-gungla. L-imputat qatt ma wera dispjacir, ta, jew offra apologija lil-pulizija ghall-agir tieghu u wera biss disrispett lejn l-awtoritajiet pubblici.

Madankollu jigi emfassizat illi

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[55]

Jirrizulta wkoll li l-agir tal-imputat mhuiex attriwibli ghal ebda attenwanti partikolari hlief ghal fatt li ma huwiex kapaci jikkontrolla lilu nnifsu u l-imgieba tieghu.

[55] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Il-Qorti qieset ukoll dak li ssottometiet il-prosekuzzjoni li l-imputat illum il-gurnata qabad it-triq it-tajba u li m'ghandiex tinghata piena fil-massimu.

Il-Qorti qieset ukoll l-fedina penali refrattarja ta' l-imputat, iktar u iktar meta tqis li l-imputat kien ghadu ta' eta zghira meta beda jxellef difrejh mal-ligi kif ukoll li mhijiex l-ewwel darba li nstab hati ta' reati simili jew identici li juru li l-imputat qatt ma tghallem u irriforma ruhu. L-imputat mhux talli huwa recidiv, izda sahansitra ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. L-imputat donnu ma jridx jirriforma hajtu ghalkemm inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jaghmel dan u dina l-Qorti temmen illi l-imputat ghandu bzonn serjament jindirizza l-imgieba tieghu f'dan ir-rigward sabiex jaqbad it-triq tar-riforma u eventwalment jerga jintegra b'mod produttiv fis-socjeta'. Din il-Qorti ghalhekk, tqis li l-imputat kiser il-fiducja moghtija lilu diversi drabi u tissottolinea li l-Qrati taghna ghandhom ir-responsabilita' li jaraw li s-socjeta' tigi salvagwardjata mill-atti kriminali ta' persuni refrattari bhall-imputat.

Madankollu, dan ma jfissirx li l-imputat ghandu necessarjament jinghata piena karcerarja. Anzi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment in vista li dak iz-zmien l-imputat kien ghaddej minn kwistjonijiet ta' bejnu u bejn l-eks-siehba tieghu, din il-Qorti tqis li jkun aktar idoneu li wiehed jimponi piena alternattiva, izda b'twissija serja li din is-sentenza, ormaj, ser tkun l-ahhar pass max-xifer tal-precipizju. Jekk huwa minnu li l-imputat bidel ir-rotta ta' hajtu, hekk kif iddikjarat bil-

miftuh il-prosekuzzjoni, mel'allura l-imputat m'ghandu xejn minn xiex jinkwieta, u jista' liberament ikompli ghaddej fit-triq it-tajba, diment li josserva l-obbligi imposti minn din is-sentenza. Jekk, izda, l-imputat jerga' jxellef difrejh mal-gustizzja, din id-darba r-rizultat se jkun ferm differenti.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 96(a), 339(1)(d), 214, 215, 221(1), 338(dd), 338(ee), 28B, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Josef Xerri:

**Mhux hati** tar-raba imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarha;

**Hati** ta' l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni, kif ukoll ta' l-addebitu tar-recidiva.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju mhijiex ser thalli l-frott li wieħed jkun qed jistenna anzi, taf thalli proprju l-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht **Ordni ta' Probation, Ordni ta' Trattament, kif ukoll li jigi ikkundannat ghall- multa ta' sitt elf Euro (€6,000) u, bis-sahha tal-artikolu 28B u 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali, testendi l-perjodu ta' sospenzjoni tas-sentenza originarjament moghtija fil-konfront tal-**

**imputat fid-9 ta' Frar tas-sena 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta b'perjodu ta' sena wahda (1) mid-data ta' din is-sentenza.**

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena wahda (1) millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament sabiex ikompli jindirizza l-problemi li ghandu ghal perjodu ta' sena millum.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tawtorizza li l-multa tithallas b'pagamenti mensili ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar millum u

b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u mhux interrotti fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Josef Xerri ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-espert mahtur fis-somma ta' hames mija, erba u erbghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€544.76)[56] rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' espert.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar it-3 ta' Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[56] Folio 131 ta' l-atti processwali

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**